# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-22 t'Ottubru 2019**

Appell numru 45 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Gilbert GATT**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Jannar 2017 fil-konfront ta' Gilbert GATT, karta tal-identita bin-numri 558182M fejn ġie mixli talli:

    1. Nhar il-Ħadd, 8 ta' Novembru 2015 għall-ħabta ta' 0800hrs u fil-ħinijiet ta' qabel, fl-inħawi ta' Ħal-Luqa u f'dawn il-Gżejjer waqt staġun miftuħ għall-insib tal-għasafar kien qiegħed jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur meta ma kienx fil-pussess ta' liċenza valida skont ma tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenza jew f'kull liġi oħra, bi ksur tar-regolament 12(1) tal-L.S. 504.71;

2. Żamm jew qafel xi għasfur li kien f'gaġġa jew reċipjent ieħor ta' qies inqas minn 250mm tul u 150mm wisa', li meta tqis id-daqs tal-għasfur ma jkunx kbir biżżejjed biex l-għasfur jew l-għasafar jiftħu ġwenħajhom u dan bi ksur tar-Regolament 20(a) tal-L.S. 504.71.
3. Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li Gilbert Gatt, minbarra l-piena skont il-liġi, tiġi ordnata l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenza jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu applikabbli.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba u semgħet il-provi prodotti u rat l-atti kollha tal-kawża kontra l-appellant, rat ir-regolamenti 12(1) u 20(a) tal-A.L. 79 tal-2006 kif emendat (L.S. 504.71) sabet lill-istess appellant ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu għal multa ta' elf u ħames mitt euro (€500) u ssospendietlu l-liċenzi kollha għal sentejn.

3. Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Gilbert GATT li jġib id-data tal-1 ta' Frar 2017 fejn issolleva s-segwenti aggravji (in suċċint) u ċjoe illi:

a. din kienet l-ewwel darba li l-appellant kien instab ħati ta' reat marbut mal-kaċċa/insib u għalhekk kellha ssir distinzjoni bejn dawk li jkunu ġew misjuba ħatja drabi oħra għal dawk li jkunu għadhom fl-ewwel sejbien ta' ħtija;

b. l-appellant kien ġie misjub ħati ħażin minħabba apprezzament ħażin tal-provi prodotti;

c. ma nstabux għasafar la ħajjin u l-anqas mejtin bħala riżultat ta' kaċċa jew insib u għalhekk l-appellant kellu jiġi misjub ħati ta' tentattiv u mhux tar-reat komplut;

d. l-akkadut seħħ waqt li kien staġun miftuħ għall-kaċċa/insib u għalhekk l-appellant kien qiegħed josserva l-perjodi stabbiliti mill-Liġi;

e. l-mezzi użati biex l-appellant pprova jieħu xi għasfur kienu skont il-liġi u ma ġewx użati metodi projbiti;

f. l-appellant kien in regola mal-Liġi għajr ħlief li kienet għadha ma ħarġitlux liċenza biex ikun jista' jaqbad l-għasafar;

ġ. l-appellant kien ammetta li kien mingħajr liċenza u minkejja tali koperazzjoni il-Qorti xorta waħda imponiet is-sospensjoni tal-liċenza, liema sospensjoni setgħet kienet aqsar;

g. ma nġiebet ebda prova oġġettiva li d-daqs tal-gaġeġ kienet inferjuri għal dak li trid il-Liġi;

għ. l-appellant kien ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija u l-awtoritajiet konċernati u mingħajr ebda reżistenza stante li kien ta' karattru tajjeb u ġenwin.

4. Illi din il-Qorti qieset il-provi kollha li ġew prodotti f'dan il-każ, inkluż id-deposizzjoni tal-imputat stess fir-rigward tat-tieni imputazzjoni stante li l-ewwel imputazzjoni ma kienx hemm kontestazzjoni dwarha. Huwa saħaq li kien qiegħed iżomm il-gaġeġ għall-għasafar u huwa kien xtrahom minn *pet shop*. Dawn kienu għasafar tal-għana, għalkemm ġieli kien talab lil min jagħmillu l-gabjetti. Ma kienx jaf eżatt id-daqs ta' dawn il-gabjetti; iżda mill-mod kif wera' b'idu, dawn kienu ta' daqs ta' ċirka pied. Jiftakar li kienu marru l-Pulizija fuqu u li kienu għamlulu spezzjoni u raħhom iduru mal-gaġeġ li kellu. Huwa ma setgħax jikkonferma bħala daqs kemm kienu kbar dawn il-gabjetti, iżda tenna li l-Pulizija ma kienu qalulu xejn dwar dawn il-gaġeġ għalkemm kienu staqsewh għall-liċenza.

5. Mix-xiehda tal-Pulizija li għamlu l-ispezzjoni irriżulta li dawn setgħu jaraw ċar kemm kien id-daqs tal-gabjetti li kellu l-appellant

tant li ħadu l-kejl tagħhom li jirriżulta fl-affidavits tagħhom, u li jirriżulta li d-daqs tagħhom kien inferjuri għal dak li trid il-Liġi. L-istess Pulizija setgħu jivverifikaw ukoll li l-appellant ma kellux liċenza speċjali sabiex ikun jista' jonsob matul dak l-istaġun.

6. Il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. Anke jekk tistħarreġ ix-xiehda tax-xhieda li xehdu fl-Ewwel Istanza, din xorta tibqa' Qorti ta' reviżjoni u mhux ritrattazzjoni. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, din il-Qorti terġa tanalizza l-provi u l-argumenti fattwali u legali li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza – iżda ma tagħmilx dan biex tissostitwixxi lilha nnifisha għall-Qorti tal-Prim'Istanza.

8. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti ta' Prim'Istanza.[2] Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali teżerċita setgħa ta' reviżjoni billi tanalizza jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew prodotti u tal-argumenti fattwali u legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa f'dan is-sens u għalbiex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti.

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

9. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet apprezzament leġittimu u raġonevoli tal-provi u tkun għamlet analiżi korretta u raġonevoli tal-argumenti legali u fattwali imresqin quddiemha, din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa minn dik il-Qorti tal-Prim'Istanza. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tiġi konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew tal-argumenti fattwali u legali imresqin quddiemha, b'mod li din il-Qorti tħoss li la jkun sigur u l-anqas sodisfaċenti tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, imbagħad din il-Qorti għandha s-setgħa li eċċezjonalment tiddisturba l-eżami, apprezzament, diskrezzjoni u deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati u tibdilhom skont il-każ.

10. L-ewwel aggravju huwa fis-sens li din kienet l-ewwel darba li l-appellant kien instab ħati ta' reat marbut mal-kaċċa/insib u għalhekk kellha ssir distinzjoni bejn dawk li jkunu ġew misjuba ħatja drabi oħra għal dawk li jkunu għadhom fl-ewwel sejbien ta' ħtija. Il-Qorti tal-Maġistrati trattat mal-appellant bħala li kien fl-ewwel sejbien ta' ħtija tiegħu. Ta' min jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati żammet eqreb lejn il-minimu tal-piena li kienet erogabbli skont it-tielet proviso tas-sub-regolament 3 tar-regolament 27 tal-Liġi Sussidjarja 504.71 kif kienet fiż-żmien meta seħħew ir-reati de quo. Dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

11. It-tieni aggravju huwa li l-appellant kien ġie misjub ħati ħażin minħabba apprezzament ħażin tal-provi prodotti. Din il-Qorti tqis

li in bażi għall-provi prodotti quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha li ssib ħtija fl-appellant. Dan l-aggravju qed jiġi respint.

12. It-tielet aggravju huwa fis-sens li ma nstabux għasafar la ħajjin u l-anqas mejtin bħala riżultat ta' kaċċa jew insib u għalhekk l-appellant kellu jiġi misjub ħati ta' tentattiv u mhux tar-reat komplut. L-ipoteżi tal-Liġi li toħloq ir-reat f'dan il-każ, ir-regolament 12 tal-L.S. 504.71 kienet tipprovdi s-segwenti : -

> Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' liċenza valida skond ma tkun tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenza u f'kull liġi oħra;

L-istess Liġi għalhekk kienet tipparifika għall-fini tad-definizzjoni tar-reat l-azzjoni ta' kaċċa jew li wieħed jipprova jikkaċċja; jew l-azzjoni li wieħed jieħu jew li jipprova jieħu għasfur. Il-Liġi tpoġġi dawn l-azzjonijiet fuq l-istess livell fis-sens li persuna tista' tinstab ħatja tar-reat de quo kemm jekk tkun ikkaċċjat kif ukoll jekk tkun qed tipprova tikkaċċja; kemm jekk wieħed jieħu għasfur kemm jekk wieħed jipprova jieħu għasfur. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi respint.

13. Ir-raba' aggravju huwa fis-sens li l-akkadut seħħ waqt li kien staġun miftuħ għall-kaċċa/insib u għalhekk l-appellant kien qiegħed josserva l-perjodi stabbiliti mill-Liġi. Dan l-aggravju huwa għal

kollox fieraħ in kwantu l-appellant ġie mixli u misjub ħati tar-reat prinċipali f'dawn ir-regolamenti konsistenti f'kaċċa jew insib mingħajr liċenza, nonche li żamm għasafar f'gabjetti li ma kienux jissodisfaw il-miżuri legali. U ta' dawn instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan l-aggravju jimmerita li jiġi miċħud.

14. Il-ħames aggravju huwa fis-sens li l-mezzi użati biex l-appellant pprova jieħu xi għasfur kienu skont il-liġi u ma ġewx użati metodi projbiti. Dan ukoll huwa aggravju inkonsegwenzjali inkwantu l-akkuża prinċipali li tagħha nstab ħati huwa li rrispettivament mill-mezzi wżati, huwa ma kellux liċenza għal kaċċa jew insib. Apparti minn hekk, il-fatt li nstab fil-pussess ta' gaġeġ li ma kienux jissodisfaw il-miżuri legali huwa minnu nnifsu mezz mhux skont il-Liġi. Dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi respint.

15. Is-sitt aggravju huwa fis-sens li l-appellant kien in regola mal-Liġi għajr ħlief li kienet għadha ma ħarġitlux liċenza biex ikun jista' jaqbad l-għasafar. Huwa preċiżament għaliex ma kellux liċenza li l-appellant instab ħati li kiser il-Liġi. Dan l-aggravju wkoll jimmerita li jkun respint.

16. Is-seba' aggravju huwa fis-sens li l-appellant kien ammetta li kien mingħajr liċenza u minkejja tali koperazzjoni il-Qorti xorta waħda imponiet is-sospensjoni tal-liċenza, liema sospensjoni setgħet kienet aqsar. Dan l-aggravju huwa skorrett għall-aħħar. Fil-każ ta' persuna li tikkaċċja jew tonsob mingħajr liċenza valida, hemm pieni

eħrex previsti mill-Liġi. Tant hu hekk li r-regolament 27(3) għandu l-proviso tiegħu aktar drakonjan f'dawk il-każijiet meta jgħid hekk:-

> Iżda wkoll l-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenza jew tal-permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin:
>
> Iżda wkoll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tielet proviso tas-subregolament (2), kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar mingħajr liċenzja valida għandha teħel il-pieni imniżżlin fis-subregolament (2)(*b*) u l-Qorti għandha ukoll tordna li l-persuna ħatja għandha tkun skwalifikata milli tottjeni liċenzja taħt dawn ir-regolamenti jew taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal għomorha, u meta dik il-liċenzja tkun ġiet revokata b'mod permanenti skont is-subregolament (2)(*b*) jew il-Qorti tkun diġà ordnat li dik il-persuna ġiet skwalifikata milli takkwista liċenzja għal għomorha, meta tinstab ħatja, dik il-persuna għandha teħel multa ta' mhux anqas minn sebat elef euro (€7,000) iżda mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena iżda mhux iżjed minn sentejn.

Kull kumment ieħor ikun superfluwu. Dan l-aggravju jimmerita li jkun respint.

17. It-tminn aggravju huwa fis-sens li ma nġiebet ebda prova oġġettiva li d-daqs tal-gaġeġ kienet inferjuri għal dak li trid il-Liġi. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti rat l-affidavits ta' PC572, PS1141 u PC16 nonche d-dokumenti eżebiti. Fuq il-bażi tagħhom, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha dwar id-daqs tal-gaġeġ stante li dawn l-Aġenti tal-Pulizija iddeskrivew dawn il-gaġeġ li sabu. Ix-xiehda korroborata ta' dawn il-Pulizija setgħet twassal lil dik il-Qorti għall-konklużjoni li l-appellant ma kienx qiegħed fis-sew meta kellu dawk

il-gaġeġ li sabulu l-Aġenti tal-Pulizija u li jidhru wkoll a fol 15. Dan l-aggravju jimmerita li jkun miċħud.

18.Id-disa' aggravju huwa fis-sens li l-appellant kien ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija u l-awtoritajiet konċernati u ma offra ebda reżistenza stante li kien ta' karattru tajjeb u ġenwin. Anke dan l-aggravju huwa inkonsegwenzjali. L-aderenza mal-Liġi hija obbligu superjuri għal kulħadd. Il-koperazzjoni mal-Pulizija hija dover ta' kull persuna. Huwa mistenni minn kull persuna f'Malta li toqgħod mal-Liġijiet u li tirrispetta u tobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija. Ebda persuna ma għandha tistenna l-proset talli tkun wetqet dawk l-obbligi ċivili tagħha. Dan l-aggravju wkoll huwa respint.

19.Illi kwantu għall-piena inflitta, din il-Qorti tqis li l-piena mogħtija kienet taqa' fil-parametri legali. F'dawn il-proċeduri t'appell, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-piena komminata minnha, jekk il-piena inflitta minnha kienet taqa' fil-parametri legali u jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Il-piena inflitta kienet bażata fuq ir-regolamenti u kienet ukoll taqa' fil-parametri stabbiliti mir-regolamenti u għalhekk setgħet legalment u raġonevolment tasal għaliha.

Tibqa' l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif

ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

20. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li l-piena ma kienetx waħda li kienet ħażina fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Anzi kif muri aktar il-fuq il-Qorti żammet lejn il-minimu tas-

sentenza. F'dan il-każ, is-sospensjoni tal-liċenza hija waħda tassattiva ma' sejbien ta' ħtija. Anzi l-Qorti tal-Maġistrati kienet temperata ħafna meta tqis ir-regolament 27 aktar il-fuq imsemmi kif applikat minnha f'dan il-każ. Din il-Qorti ma tista' tagħmel xejn dwar din il-konsegwenza.

## *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***